



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 8 ta' Settembru 2023
(OR. en)

12779/23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0310(NLE)

PROBA 36
AGRI 500
WTO 136

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	6 ta' Settembru 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 511 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor fir-rigward tal-estensjoni tal-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor tal-1992

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 511 final.

Mehmuż: COM(2023) 511 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 6.9.2023
COM(2023) 511 final

2023/0310 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill
Internazzjonali taz-Zokkor fir-rigward tal-estensjoni tal-Ftehim Internazzjonali dwar
iz-Zokkor tal-1992**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor, b'rabta mal-adozzjoni prevista ta' deċiżjoni dwar l-estensjoni tal-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor tal-1992 sal-31 ta' Diċembru 2024.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor tal-1992

Il-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor tal-1992 ("il-Ftehim") għandu l-għan li jsaħħaħ il-kooperazzjoni internazzjonali dwar il-kwistjonijiet dinjija taz-zokkor u oħrajn relatati, jipprovdi forum għall-konsultazzjonijiet intergovernattivi dwar iz-zokkor u l-modi kif tittejjeb l-ekonomija dinjija taz-zokkor, jiffaċilita l-kummerċ billi jiġbor u jikkondividi informazzjoni dwar is-suq dinji taz-zokkor u ta' dolċifikanti oħra, u jinkoraġġixxi żieda fid-domanda għaz-zokkor, b'mod partikolari għal użi mhux tradizzjonali. Il-Ftehim daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1993.

L-Unjoni Ewropea hija parti għall-Ftehim¹.

2.2. Il-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor

Il-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor ("ISC") huwa l-korp responsabbli mit-twettiq tal-funzjonijiet kollha meħtieġa biex jitwettqu d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim. Jadotta regoli u regolamenti, inkluż ir-regoli ta' proċedura tal-ISC u l-kumitati tiegħu, u r-regolament finanzjarju u r-regolament tal-persunal tal-Organizzazzjoni Internazzjonali taz-Zokkor ("ISO"). L-ISC iżomm id-dokumentazzjoni meħtieġa u jippubblika rapport annwali u informazzjoni oħra, jekk jitqies xieraq.

Il-Membri għall-Ftehim b'kollox għandhom 2 000 vot. Kull Membru għall-Ftehim għandu għadd speċifiku ta' voti, li jiġi aġġustat kull sena skont kriterji definiti minn qabel fil-Ftehim. Id-deċiżjonijiet kollha tal-ISC, fil-prinċipju, għandhom jittieħdu b'kunsens sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor fil-Ftehim. Fin-nuqqas ta' kunsens, id-deċiżjonijiet għandhom jittieħdu permezz ta' vot ta' maġġoranza sempliċi sakemm il-Ftehim ma jkunx jipprevedi vot speċjali.

2.3. L-att previst tal-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor

Fl-24 ta' Novembru 2023, matul it-63 sessjoni tiegħu, l-ISC għandu jadotta deċiżjoni rigward l-estensjoni tal-Ftehim ("l-att previst").

Il-Ftehim kien oriġinarjament konkluż għal perjodu ta' 3 snin sal-31 ta' Diċembru 1995 u minn dakinhar 'l hawn, ġie estiż regolarment għal perjodi ulterjuri ta' sentejn, kif previst fl-Artikolu 45 tiegħu. L-aħħar estensjoni ġiet adottata f'Novembru 2021² u se tibqa' fis-seħħ sal-31 ta' Diċembru 2023.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/580/KEE tat-13 ta' Novembru 1992 dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor tal-1992 (ĠU L 379, 23.12.1992, p. 15).

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1843 tal-15 ta' Ottubru 2021 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor fir-rigward tal-estensjoni tal-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor tal-1992 (ĠU L 373, 21.10.2021, p. 90).

Wara negozjati fost il-membri tal-ISO, fid-59 sessjoni tiegħu, l-ISC ippropona emendi għall-Ftehim. Dawn l-emendi jikkonċernaw l-Artikolu 25 tal-Ftehim, li jirregola l-adozzjoni tal-baġit amministrattiv u l-kontribuzzjonijiet tal-membri kif ukoll l-oġettivi stabbiliti fl-Artikolu 1 tal-Ftehim, il-prijoritajiet tal-ħidma tal-ISO skont l-Artikoli 32, 33 u 34 tal-Ftehim, u r-regoli għall-ħatra tad-Direttur Eżekuttiv stabbiliti fl-Artikolu 23 tal-Ftehim. F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2021/1851³, f'Novembru 2021, l-UE vvotat favur l-emendar tal-Ftehim.

Skont l-ippjanar oriġinali, il-Membri għandhom sat-30 ta' Ġunju 2023 biex jiddepożitaw l-istrument ta' aċċettazzjoni tagħhom. L-emendi għall-Ftehim jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2024 bil-kundizzjoni li l-membri li flimkien ikollhom mill-inqas żewġ terzi tal-voti jkunu ddepożitaw l-istrument ta' aċċettazzjoni. Matul it-62 sessjoni tal-Kunsill, li saret f'Ġunju 2023, l-ISC qabel li jtawwal il-perjodu li fih il-membri jkunu jistgħu jiddepożitaw l-istrument ta' aċċettazzjoni tagħhom sat-30 ta' April 2024, filwaqt li d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim emendat ġie pospost għall-1 ta' Jannar 2025. B'konsegwenza ta' dan, il-Ftehim attwali jeħtieġ li jiġi estiż b'sena sal-31 ta' Diċembru 2024. Għalhekk, il-kontribuzzjoni tal-UE għall-baġit tal-ISO għall-2024 se tiġi kkalkulata bl-użu tal-formula attwali skont l-Artikolu 25 tal-Ftehim.

L-iskop tal-att previst huwa li jippermetti lill-ISO tkompli għaddejja b'ħidmietha għal sena addizzjonali.

3. POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

Il-Ftehim Internazzjonali taz-Zokkor tal-1992 ġie konkluż mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni 92/580/KEE u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1993 għal perjodu ta' 3 snin sal-31 ta' Diċembru 1995. Minn dak iż-żmien 'l hawn, il-Ftehim ġie estiż b'mod regolari għal perjodi ulterjuri ta' sentejn u se jibqa' fis-seħħ sal-31 ta' Diċembru 2023.

L-Unjoni minn dejjem kienet membru attiv tal-ISO, u huwa fl-interess tagħha li l-Ftehim jiġi estiż ulterjorment. L-Unjoni hija produtture ewlieni taz-zokkor kif ukoll sieħba ewlenija fil-kummerċ taz-zokkor għal bosta Membri tal-ISO.

L-UE tgħodd bħala Membru wieħed għall-Ftehim. Għall-proċeduri tal-baġit (ara l-Artikolu 25 tal-Ftehim), jiġifieri biex jiġu stabbiliti l-kontribuzzjonijiet finanzjarji annwali tal-Membri, l-għadd ta' voti allokat lill-Unjoni huwa ta' 508 mit-total ta' 2 000 vot. Kull vot għandu piż ta' GBP 745 għall-baġit amministrattiv tal-2023 u għalhekk, il-kontribuzzjoni dovuta għall-2023 tammonta għal GBP 378 460. Dawn iċ-ċifri jiġu aġġustati fuq bażi annwali.

Deċiżjoni formali dwar l-estensjoni tal-Ftehim sal-31 ta' Diċembru 2024 hija skedata għat-63 sessjoni tal-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor, li għandha ssir fl-24 ta' Novembru 2023 f'Londra.

L-iskop ta' din il-proposta huwa li tikseb l-awtorizzazzjoni tal-Kunsill biex fil-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor, il-Kummissjoni tivvota f'isem l-Unjoni favur l-estensjoni tal-Ftehim sal-31 ta' Diċembru 2024.

³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1851 tal-15 ta' Ottubru 2021 dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor fir-rigward tal-emendi tal-Ftehim Internazzjonali dwar iż-Zokkor tal-1992 u l-iskeda taż-żmien għall-implimentazzjoni tagħhom (ĠU L 374, 22.10.2021, p. 49).

4. BAŻI LEGALI

4.1. Bażi legali proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jstabbilixxu “*l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f’isem l-Unjoni f’sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.*”

Il-kunċett tal-“*atti li jkollhom effetti legali*” jinkludi l-atti li jkollhom effetti legali skont ir-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregola s-sede inkwistjoni. Jinkludi wkoll strumenti li ma jkollhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li “*jistgħu jinfluwenzaw b’mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatura tal-UE*”⁴.

4.1.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

Il-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor ġie stabbilit bl-Artikoli 3 u 8 tal-Ftehim u jista’ jintalab jadotta ċertu deċiżjonijiet.

L-att previst, li l-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor għandu s-setgħa li jadottah skont l-Artikolu 45(2) tal-Ftehim, għandu l-effett li jestendi l-validità tal-Ftehim, li huwa ftehim internazzjonali li jorbot lill-Unjoni. Għalhekk, l-att previst għandu effetti legali.

L-att previst la jissupplimenta u lanqas jemenda l-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għalhekk, il-bażi legali proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. Bażi legali sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi legali sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-oġettiv u mill-kontenut tal-att previst li fir-rigward tiegħu tittieħed pożizzjoni f’isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti u jekk wieħed minn dawk l-għanijiet jew il-komponenti jkun jista’ jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tissejjes fuq bażi legali sostantiva unika, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

L-oġettiv ewlieni u l-kontenut tal-att previst huma marbuta mal-politika kummerċjali komuni (il-kummerċ fi prodotti agrikoli).

Għalhekk, il-bażi legali sostantiva tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 207 tat-TFUE.

4.3. Konklużjoni

Jenħtieġ li l-bażi legali tad-deċiżjoni proposta tkun l-Artikolu 207 tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

⁴ Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta’ Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi 61 sa 64.

5. PUBBLIKAZZJONI TAL-ATT PREVIST

Peress li l-att tal-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor se jemenda l-Ftehim, huwa xieraq li wara li jiġi adottat jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor fir-rigward tal-estensjoni tal-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor tal-1992

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor tal-1992 ("il-Ftehim") ġie konkluż mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/580/KEE¹ u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1993. Il-Ftehim ġie konkluż għal perjodu ta' 3 snin sal-31 ta' Diċembru 1995.
- (2) Skont l-Artikoli 3 u 8 tal-Ftehim, il-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor ("ISC") ġie stabbilit biex jadotta ċerti deċiżjonijiet. Skont l-Artikolu 45(2) tal-Ftehim, l-ISC jista' jestendi l-Ftehim għal perjodi suċċessivi ta' mhux aktar minn sentejn kull darba. Mill-konklużjoni tiegħu 'l hawn, il-Ftehim ġie estiż regolarment għal perjodi ulterjuri ta' sentejn. Il-Ftehim ġie estiż l-aħħar b'deċiżjoni tal-ISC f'Novembru 2021² u se jibqa' fis-seħħ sal-31 ta' Diċembru 2023.
- (3) Fl-2021, l-ISC qabel li jemenda l-Ftehim u b'mod partikolari l-Artikoli 1, 23, 25, 32, 33, u 34 tiegħu. L-emendi għall-Ftehim kienu oriġinarjament maħsuba biex jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2024. Matul it-62 sessjoni tiegħu, l-ISC qabel li jtaqwal il-perjodu li fih il-Membri jkunu jistgħu jiddepożitaw l-istrument ta' aċċettazzjoni tagħhom sat-30 ta' April 2024, filwaqt li d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim emendat ġie pospost għall-1 ta' Jannar 2025. Fid-dawl ta' dan, il-validità tal-Ftehim fil-formulazzjoni attwali tiegħu jeħtieġ li tiġi estiża.
- (4) Matul it-63 sessjoni tiegħu li se ssir fl-24 ta' Novembru 2023, l-ISC għandu jadotta deċiżjoni dwar l-estensjoni tal-Ftehim fil-formulazzjoni attwali tiegħu sal-31 ta' Diċembru 2024.
- (5) Huwa xieraq li fit-63 sessjoni tal-ISC tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni, peress li huwa fl-interess tal-Unjoni li l-Ftehim jiġi estiż ulterjorment,

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/580/KEE tat-13 ta' Novembru 1992 dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor tal-1992 (ĠU L 379, 23.12.1992, p. 15).

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1843 tal-15 ta' Ottubru 2021 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor fir-rigward tal-estensjoni tal-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor tal-1992 (ĠU L 373, 21.10.2021, p. 90).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fit-63 sessjoni tal-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor għandha tkun li tivvota favur l-estensjoni tal-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor tal-1992 għal perjodu ulterjuri ta' sena mill-1 ta' Jannar 2024 sal-31 ta' Diċembru 2024.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA		FinancSt/10/ PS/nd/xxxxxx		
		6.22.2023.1		
		DATA: 14.06.2023		
1. INTESTATURA TAL-BAĠIT: 14 20 03 06 Organizzazzjonijiet u ftehimiet internazzjonali		APPROPRJAZZJONIJI ET: DB2024 EUR 4 861 000		
2. TITOLU: Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor dwar l-estensjoni tal-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor tal-1992.				
3. BAŻI LEGALI: L-Artikolu 207 flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea				
4. GĦANIJET: Estensjoni b'sena tal-Ftehim Internazzjonali eżistenti dwar iz-Zokkor (mill-1 ta' Jannar 2024 sal-31 ta' Diċembru 2024).				
5.	IMPLIKAZZJONIJIET FINANZJARJI	PERJODU TA' 12-IL XAHAR (f'miljuni ta' EUR)	SENA FINANZJARJ A KURRENTI 2023 (f'miljuni ta' EUR)	SENA FINANZJARJ A LI JMISS 2024 (f'miljuni ta' EUR)
5.0	NEFQA - IDDEBITATA LILL-BAĠIT TAL-UE (RIFUŻJONIJIET/INTERVENTI) - AWTORITAJIET NAZZJONALI - OĦRAJN			
5.1	DĦUL RIŻORSI PROPRI TAL-UE (IMPOSTI/DAZZI DOGANALI) - NAZZJONALI			
5.0.1	NEFQA STMATA			0,55
5.1.1	DĦUL STMAT			
5.2	METODU TAL-KALKOLU: Abbażi ta' suppożizzjonijiet dwar stima tal-għadd ta' voti (508) tal-UE u dwar ammont stmat li għandu jitħallas għal kull vot f'GBP (745). Iċ-ċifri jiġu aġġustati fuq bażi annwali.			
6.0	IL-PROĠETT JISTA' JIĠI FFINANZJAT MILL-APPROPRJAZZJONIJIET IMDAĦĦLA FIL-KAPITOLU RILEVANTI TAL-BAĠIT ATTWALI?			IVA
6.1	IL-PROĠETT JISTA' JIĠI FFINANZJAT PERMEZZ TA' TRASFERIMENT BEJN KAPITOLI TAL-BAĠIT ATTWALI?			-
6.2	SE JKUN HEMM BŻONN TA' BAĠIT SUPPLIMENTARI?			-
6.3	SE JKUN HEMM BŻONN LI L-APPROPRJAZZJONIJIET JIDDAĦĦLU F'BAĠITS FUTURI?			IVA
OSSERVAZZJONIJIET:				
L-ammont li għandu jitħallas fir-realtà jista' jvarja skont l-għadd finali ta' voti li jiġu allokat lill-UE, skont l-ammont li għandu jitħallas għal kull vot f'GBP, u skont ir-rata tal-kambju EUR/GBP. Barra minn hekk, l-ammont tal-kontribuzzjoni tal-UE jista' jinbidel għall-2024 f'każ ta' bidliet fis-sħubija tal-ISC.				